# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 53/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 17 ta' Jannar, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fis-18:25hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

53.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 52

53.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 52 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

53.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/11/2022 rigward Korsijiet Lifelong Learning 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

53.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li għal din is-sena ma jipparteċipawx f'dawn il-korsijiet.

53.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 11/2022, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, rigward Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20.

53.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva Nru. 1/2023, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, rigward il-Performance Appraisal tas-Segretarji Eżekuttivi.

53.3.3.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li kien inbidel il-mod kif jiġu assessjati s-Segretarji Eżekuttivi peress li issa l-Kunsill jista' jagħti minn 0% sa 10% u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali jista' jagħti sa 5% oħra.

53.3.3.2 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien ħa ħsieb jagħmel l-*appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv u ser jgħaddih lill-Kunsilliera kif jasal l-*item* fuq l-aġenda.

53.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli ġew infurmati li l-ebda kunsill lokali ma jista' jieħu xi inizzjattiva relatata mal-qasam ta' ġbir ta' skart, inklużi servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali għax jekk jirriżulta li xi kunsill qed jonfoq flus f'dawn l-inizzjattivi dan jitqies bħala nfiq bi ksur tal-liġi tal-Kunsilli Lokali u jkun suġġett għal passi skont il-liġi.

53.3.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li fil-frattemp il-President tar-Reġjun kien għaddej b'diskussjonijiet kontinwi biex tissolva l-problema tal-iskart li joħroġ minn ħwienet żgħar. Sa issa jidher li meta ma jinġabarx l-iskart kummerċjali, l-Cleansing Department qed idur u jiġbru hu. Biss bil-miktub ir-Reġjun għadu ma rċieva xejn.

53.3.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-issue u qalu li hemm bżonn li l-Kunsill ikun gwidat kemm jista' jkun malajr biex ikun jista' jwieġeb lis-sidien tal-ħwienet. Apparti hekk wieħed irid jistenna ftit sakemm in-nies jidraw aktar is-sitwazzjoni u naraw minn hemm.

53.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza rigward programm tal-Karnival fil-lokalità.

53.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma jsirux attivitajiet tal-Karnival.

53.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed jiġi mistoqsi dwar id-data tal-Irkottafest 2023.

53.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għal din is-sena, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, l-Irkottafest ma ssirx u ssir biss l-attività tal-Milied 'Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market'. Bir-riżorsi li għandu, l-Kunsill ma jiflaħx jagħmel żewġ attivitajiet kbar f'sena.

53.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Bank of Valletta plc fejn il-bank kien informa lill-Kunsill li t-Tariffa Amministrattiva fuq il-kontijiet tal-bank kienet ser tinbidel u minflok €10 kienet ser issir €30.

53.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-FITA rigward korsijiet li jixtiequ joffru mill-Kunsilli Lokali.

53.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-korsijiet u qablu li nitolbu li jsiru korsijiet filgħodu.

53.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kirkop Pageant Group rigward suġġeriment ta' Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira mat-toroq ta' Ħal Kirkop.

53.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u sfortunatament minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja, il-Kunsill ma jistax jgħin f'din l-attività.

53.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand resident biex juża s-sala tal-Kunsill għall-festin familjari.

53.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li s-sala tista' tinkera sakemm isir il-ħlas skont il-*bye-law* tal-Kunsill u jitħallas l-impjegat li ser jiftaħ is-sala u joqgħod magħha tul l-attività kollha.

53.3.11 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana telqet mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:00hrs.

53.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab kwotazzjoni għall-DVR tas-sistema tas-CCTVs tal-Uffiċini tal-Kunsill minħabba li dak preżenti huwa bil-ħsara.

53.3.12.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li irċevejna żewġ kwotazzjonijiet li huma differenti minħabba li DVR minnhom jieħu żewġ sistemi ta' *cameras* differenti, kemm dawk antiki u anke dawk moderni u ieħor li jieħu s-sistema tal-*cameras* l-antika biss.

53.3.12.2 Il-Kunsilliera raw dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li jmorru għad-DVR li jieħu ż-żewġ sistemi biex jekk ikun hemm bżonn li tinbidel xi *camera* ma jkunx hemm għalfejn joqgħod jerġa' jinbidel id-DVR ukoll.

53.3.12.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ix-xiri ta' DVR għas-sistema tal-*cameras* tal-uffiċċju tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

53.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa ma' rappreżentanti ta' Hospice Malta rigward is-servizz tat-trasport għall-persuni minn Hal Kirkop li jkunu għaddejin minn mard u ma jkollhomx minn iwassalhom.

53.3.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn minn naħa tagħhom ser ikunu qed jinkludu l-interess tal-Kunsill u jekk ikollhom xi persuni mil-lokalità ser ikunu qed jinfurmaw lill-Kunsill b'dan.

53.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien attenda għal-laqgħa fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-sitwazzjoni tal-kontijiet bankarji taż-Żurrieq Joint Committee, liema kumitat il-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop kien jagħmel minnu fi snin preċedenti fir-rigward tas-sistema tal-LES.

53.3.14.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġia mhux qed jaqblu li l-flus li fadal f'dan il-kont jinqasmu bejn kulħadd iżda qed isostnu li l-kont għandu jgħaddi għand il-Kunsill Birżebbuġia.

53.3.14.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsilli l-oħrajn qed jaqblu li dan għandu jinqasam bejn kulħadd iżda sa issa għada ma tteħditx deċiżjoni u ser jerġa' jkun hemm xi laqgħat.

53.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-pjanti bil-proposta taz-*zebra crossing* fi Triq San Pietru, Hal Kirkop.

53.3.15.1 Il-Kunsilliera raw il-pjanti u ddiskutew din iz-*zebra crossing* u jidher li hemm żvilupp ppjanat eżatt fejn hija ppjanata.

53.3.15.2 Il-Kunsill ser ikun qed jara l-pjanti proposti biex jara huwiex vijabli li jsir dan ix-xogħol. Jekk ser isir l-iżvilupp, dan ix-xogħol ser jinżamm *on hold* sakemm jitlesta u ż-zebra crossing issir wara.

53.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar is-sitwazzjoni ta' parkeġġ ta' *coaches* fi Triq San Ġwann, biswit il-Kulleġġ San Benedittu.

53.3.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel dħalna għal-laqgħa l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand resident li rringrazzja lil kulħadd għax is-sitwazzjoni marret għall-aħjar.

53.3.16.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li biex l-affarijiet jibqgħu ikunu ikkontrallati, l-Kunsill għandu jitlob lill-Kap tal-Iskola Medja biex tiftaħ il-grada tal-iskola għat-trasport, fl-istess ħinijiet li tinfetaħ il-grada tal-Iskola Sekondarja.

53.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li qabel il-laqgħa, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ffirmaw il-*Memorandum of Understanding* dwar aktar għarfien dwar il-marda tad-Dimensia.

53.3.17.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li ser issir laqgħa għal dawk kollha interessati f'dan is-suġġett, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2023.

53.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu bżonn japplika għad-devoluzzjoni tal-*observation area* fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop, biex 'il quddiem il-Kunsill ikun jista' japplika mal-entitatjiet konċernati biex isir il-proġett ta' tisbieħ.

53.3.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu mas-Sindku li għandha ssir l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni biex dan il-proġett li ilu ħafna jiġi diskuss, ikun jista' jsir realtà.

53.3.18.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li ssir applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-observation area fi Triq l-Industrija, Hal Kirkop, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

53.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri issuġġerixxa li ssir ħarġa kulturali għall-familji Koppin.

53.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jiċċekkja xi prezzijiet biex issir ħjara f'zoo u din tinkludi wkoll l-ikla ta' nofsinhar.

53.4.1.2 Il-Kunsilliera qablu li naraw xi prezzijiet nintalbu u wara tkun tista' tittieħed deċiżjoni u jekk ikun hemm qbil issir data għal din il-ħarġa.

53.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kappillan u r-rappreżentanti tal-Moviment Kana irringrazzjaw lill-Kunsill li għoġbu jislef is-sala għal-laqgħa tal-għarajjes u anke ħaseb għall-*coffee breaks*.

53.4.3 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma għandux x'jikkomunika f'dan l-istadju.

53.4.4 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:15hrs.

## 53.5 Rapport tal-Ilmenti

53.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward talba biex issir mera fi Triq Salvu Sacco k/m Triq il-Kbira.

53.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba iżda l-mod fejn intalbet, jidher li ser issir għalxejn, għax hemm viżjoni ċara. Għaldaqstant, il-Kunsill ser ikun qed jitlob lir-resident li għamel din it-talba biex jistħarreġ eżatt il-problema u jimxi minn hemm.

53.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment dwar problema ta' ħamiem selvaġġ fi Triq San Leonardu.

53.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li tintalab l-għajnuna tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex isir tank bl-għalf għall-ħamiem biex dawn ma jibqgħux jipproduċu.

53.5.2.2 Apparti hekk, il-Kunsilliera ddiskutew ukoll abozz ta' *Bye-Laws* dwar Kontroll tal-Hamiem. Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-kontenut ta' dan l-abbozz u għaldaqstant approvaw li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex issir din il-*Bye-Laws*.

53.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 53.6 Approvazzjoni tad-*draft* tal-Estimi Finanzjarji Annwali 2023

53.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill id-*draft* tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2023. Dawn l-Estimi Finanzjarji kienu ser jiġu diskussi fil-Laqgħa Annwali li kellha ssir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar, 2023.

53.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bl-allokazzjoni li l-Kunsill jingħata mill-Gvern Ċentrali u skont l-estimi ta' dħul ieħor il-Kunsill ser ikun ristrett ħafna fuq proġetti li ser ikun jista' jwettaq matul l-2023. Dan għall-fatt li l-estimi tal-ispejjeż li huma mandatorji għolew u d-dħul ser jibqa' kemmxejn l-istess.

53.6.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qalu li wieħed irid jara kif ileħħaq mal-ispejjeż li aktar ma jmur aktar jiżdiedu u sfortunatament l-allokazzjoni tibqa' kważi l-istess.

53.6.4 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jiddiskuti l-problema tal-allokazzjoni biex wieħed jara kif din tista' tiżdied li tirrifletti l-bżonnijiet tal-lum. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill ippjana l-Estimi Finanzjarji tiegħu fuq dak li ingħata sa issa.

53.6.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat id-*draft* tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2023, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.7 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-Sena 2022

53.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2022. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq ir-Raba' Kwart tas-sena b'qagħda finanzjarja stabbli.

53.7.2 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2022 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.8 *Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill

53.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill.

53.8.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-kontenut ta' dawn l-*appraisals* u għaldaqstant il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dawn l-*appraisals* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.9 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

53.9.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv.

53.9.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-kontenut ta' dan l-*appraisal* u għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dan l-*appraisal* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.10 *Shelters* tal-Gwerra f'Ħal Kirkop

53.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mas-Sovratendenza tal-Wirt Kulturali fejn kienet ġiet diskussa x-xewqa tal-Kunsill li jiftaħ shelter tal-gwerra biex jiġi restawrat u jkun jista' jinfetaħ għall-wiri waqt attivitajiet tal-Kunsill.

53.10.2 Is-Sindku Terence Agius spjega li l-Kunsill jista' jara liema shelters hemm aċċess għalihom u wara jsir survey minn Professuri f'dan il-qasam.

53.10.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li s-Sindku għandu jara ftit x'aċċessi hemm u jkun jista' jieħu parir professjonali x'inhi t-triq 'il quddiem. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 53.11 Sejħa għall-Offerti – Servizz Professjonali ta' Perit

53.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tas-Servizz Professjonali ta' Perit kien jiskadi fix-xahar ta' Jannar, 2023 u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida.

53.11.2 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ma għandux joħroġ sejħa għall-offerti ġdida, iżda jġedded dan il-kuntratt.

53.11.3 Dan minħabba li hemm xogħlijiet pendenti fuq proġetti li kienu mibdija mill-Perit u huma jemmnu li dawn għandhom jitkomplew skont il-kuntratt attwali.

53.11.4 Għal dan il-għan, il-Kunsilliera qablu li jġeddu dan il-kuntratt b'sena biex ikun jista' jitkompla x-xogħol mibdi mingħajr intoppi.

53.11.5 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex it-*tender* dwar Servizz Professjonali ta' Perit jiġġedded għal sena, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.12 Sejħa għall-Offerti – *Contracts Manager*

53.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Contracts Manager kien jiskadi fil-31 ta' Jannar, 2023 u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida.

53.12.2 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ma għandux joħroġ sejħa għall-offerti ġdida, iżda jtemm dan il-kuntratt.

53.12.3 Il-Kunsilliera saħqu li dan il-kuntratt għandu jieqaf u qablu unanimament li għalissa ma tinħariġx sejħa għall-offerti ġdida. Il-Kunsilliera qablu li sakemm il-Kunsilli kollha jkunu mġiegħla jkollhom *Contracts Manager* u kull Kunsill jimplimentaha, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ma kienx ser joħroġ din is-sejħa.

53.12.4 Dan għall-fatt li meta l-Kunsilli kienu ntalbu li jkollhom *Contracts Manager,* il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien minn tal-ewwel li ħareġ is-sejħa u sal-lum, 4 snin wara, ħafna Kunsilli għadhom xorta mingħajru.

53.12.5 Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet li l-Kunsill huwa obbligat li joħroġ din is-sejħa, iżda l-Kunsilliera baqgħu bid-deċiżjoni li din is-sejħa ma tinħariġx, hekk kif diskuss f'minuta 53.12.1.3.

53.12.6 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex it-*tender* dwar Servizz ta' Contracts Manager ma jinħariġx, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.13 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

53.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-Knis kien infurmaha li ma setax ikompli bil-kuntratt tiegħu bir-rati hekk kif imniżżla fil-kuntratt.

53.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera li dan il-kuntratt kien ġie mġedded sakemm il-Kunsill kien ser ikollu ideja ċara dwar x'ser jiġri fuq il-kuntratt reġjonali ta' ġbir ta' skart, u jekk il-knis ta' toroq kienx ukoll ser jgħaddi għand il-Kunsilli Reġjonali.

53.13.3 Is-Sindku Terence Agius qal li minn kif jidhru l-affarijiet, il-kuntratti tal-knis ser jibqgħu f'idejn il-Kunsilli Lokali u għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-offerti ġdida.

53.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-kwotazzjoni li kien ta lill-Kunsill il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart, liema kwotazzjoni kważi tleħħaq id-doppju tal-ispiża kurrenti.

53.13.5 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu li, biex il-lokalità ma tispiċċax mingħajr kennies, il-Kunsill kellu jagħmel servizz ta' emerġenza għal tlett xhur, jiġifieri mill-1 ta' Frar 2023 sat-30 ta' April 2023, skont din l-istima.

53.13.6 Fil-frattemp il-Kunsill ser jitkellem mal-persuna li kienet bdiet taħdem fuq it-tender tal-knis, biex tiffinalizza dan il-proċess u jinħareġ it-tender kemm jista' jkun malajr, biex ikun konkluż sal-aħħar ta' April 2023 u jibda' l-kuntratt il-ġdid.

53.13.7 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ikollu servizz ta' emerġenza għal tlett xhur, dwar il-Knis tat-Toroq skont il-kwotazzjoni mill-kuntrattur kurrenti, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

53.13.8 Apparti hekk, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ikompli bil-proċess biex tinħareġ Sejħa għall-Offerti ġdida dwar il-Knis tat-Toroq, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

53.13.9 Is-Sindku Terence Agius qal li f'dan l-istadju kien hemm bżonn li jinħatar il-bord tal-aġġudikazzjoni għal din is-sejħa. Dan minħabba li fil-bord maħtur f'Seduta Nru. 33 kien hemm persuna li ma hijiex uffiċjal pubbliku u minn *updates* li saru fis-sistema tal-epps ħareġ li biex wieħed ikun parti mill-bord tal-aġġudikazzjonji, dan għandu jkun uffiċjal pubbliku.

53.13.10 Għaldaqstant, il-Kunsilliera preżenti qablu li l-bord tal-aġġudikazzjoni jkun kompost kif ġej biċ-*Chairman* tal-Bord ser ikun is-Sindku Terence Agius, is-Segretarju tal-Bord ser tkun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Antonia Demicoli u l-membri ser ikunu il-Viċi Sindku Joseph Schembri, il-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea.

53.13.11 Għal dan il-għan, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-bord tal-aġġudikazzjoni tat-*tender* għal Knis ta' Toroq ikun kif deċiż f'minuta 53.13.10, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.14 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

53.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera kif kienu se jmexxu fir-rigward tas-sejħa għall-offerti dwar tabelli u sinjali tat-traffiku, peress li kien hemm bżonn li din tinħareġ.

53.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li f'Seduta Nru. 43, minuta 43.11.2, il-Kunsilliera kienu qablu li din is-sejħa għandha toħroġ meta tkun iffinalizzata s-sejħa għall-offerti dwar Knis ta' Toroq.

53.14.3 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti dwar il-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

53.15.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 134 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

53.15.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 134 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 53.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

53.16.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

53.16.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2023 fl-16:30hrs.

53.16.3 Il-laqgħa ntemmet fl-22:15hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 24 ta' Frar, 2023

**Mozzjoni Ref:** 276/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 52.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 277/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat ix-xiri ta’ DVR għas-sistema tal-*cameras* tal-uffiċċju tal-Kunsill.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta’ Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 278/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li ssir applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-*observation area* fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 279/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 280/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat id-draft tal-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2023.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 281/23/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2022 jiġu approvati.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 282/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal.*

| **Proponent**<br>Cody Galea | **Sekondant**<br>Joseph Schembri |
|---|---|

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 283/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 284/23/9

**Mozzjoni:**

Biex it-*tender* dwar Servizz Professjonali ta' Perit jiġġedded għal sena.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 285/23/9

**Mozzjoni:**

Biex it-*tender* dwar Servizz ta' Contracts Manager ma jinħariġx.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 286/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill ikollu servizz ta' emerġenza għal tlett xhur, dwar il-Knis tat-Toroq skont il-kwotazzjoni mill-kuntrattur kurrenti.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 287/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill ikompli bil-proċess biex tinħareġ Sejħa għall-Offerti ġdida dwar il-Knis tat-Toroq.

| **Proponent** | **Sekondant** |
| --- | --- |
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 288/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bord tal-aġġudikazzjoni tat-*tender* għal Knis ta' Toroq ikun kif deċiż f'minuta 53.13.10.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 289/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti dwar il-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 290/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 134.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Cody Galea | **Sekondant**<br>Terence Agius |

**Data**: 17 ta' Jannar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**